# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

It-Tnejn, 17 ta' Frar, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENTI UKOLL GĦAL-LAQGĦA:

Daniel Galea – Accountant (permezz ta' online meeting)

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 12.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ħadd ma kien assenti.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku semma t-talba li kien għamel it-tabib tal-berġa sabiex jibda jiġi tliet darbiet minflok ħames darbiet fil-ġimgħa. Tkellimna miegħu biex jibqa' jiġi l-ġimgħa kollha iżda talab li l-miżata tibda tkun ta' Eur35 kull ġurnata. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

12.3.2 Id-DLG talbu lill-Kunsilli biex jidentifikaw postijiet/monumenti li għandhom bżonn restawr. Il-Kunsill iddiskuta illi l-aħjar li nsemmu l-għajn tal-Lunzjata. Ħarġet l-idea li nqabbdu restawratur biex jagħmel rapport ta' l-għajn sabiex inkunu nafu f'liema stat qeghda.

12.3.3 Is-Sindku semma li ser jitranġa t-tapit tat-turf ta' fejn l-outdoor equipment fejn il-playing field.

12.3.4 Dwar l-offerta tal-Playing Field, il-Perit irranġat id-dettalji tal-equipment u ser toħroġ fil-jiem li ġejjin.

12.3.5 Dwar il-vakanza ta' handyman bl-iskema tas-CIES, ġie magħżul xi ħadd u ser jibda f'April li ġej peress li għadu jrid jaħdem in-notice fil-post tax-xogħol li għandu preżentament.

12.3.6 Dwar l-iskema tas-CCTVs, il-DLG tana estensjoni sal-aħħar ta' Marzu 2025.
Ir-Reġjun t'Għawdex infurmana illi ser ikun qed jiddiskuti l-possibilta' ta' bins ġodda għaż-żejt użat u dawn sabiex jitpoġġew f'kull lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta li jekk jaslu biex jiġu, inpoġġuhom fejn il-bin tal-ħwejjeġ fejn il-Kunsill.

12.3.7 Id-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb talbet kjarifika dwar it-talba ta' fondi li bagħat il-Kunsill sabiex isiru x-xogħolijiet ta' boltijiet fi Triq Għajn Tuta. Irrispondejniha u ser nistennew risposta.
Is-Sindku għarraf illi ħarġu l-iskemi li ġejjin:

12.3.8
- SPI/SCI/02/2025 – Skema għal attivitajiet kulturali 2025/2026 – Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u sar qbil li ser napplikaw għal attivita' f'Ġunju 2025. Sar qbil ukoll illi l-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja 15% tal-ispiża totali tal-attivita'.

- SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u qabel illi ghandu jsib gurnata f'Settembru u japplika għaliha.
- SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' japplika għal din l-iskema sabiex intellgħu l-attivitajiet annwali tal-Milied. Qabel ukoll illi l-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja 15% tal-ispiża totali tal-attivita'.

12.3.9 Il-Kunsill Lokali rċieva email mingħand Project Green fejn talbu illi l-Kunsill jispeċifika postijiet madwar ir-raħal fejn Project Green jistgħu iħawlu siġar u l-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż. Is-Sindku ssuġġerixxa fejn l-Għadira ta' San Rafflu iżda l-Kunsillier Horace Vella ġibed l-attenzjoni biex noqogħdu attenti peress li fuq l-Għadira qed jitilgħu ħafna karozzi nhar ta' Ħadd. Ġie diskuss illi jekk jitħawwlu s-siġar, dawn ser ikunu 'l bogħod minn xulxin.

## 12.4 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2024

Għal din il-laqgħa kien preżenti l-Accountant Daniel Galea permezz ta' online meeting. Huwa spjega l-finanzi u kif il-Kunsill għalaq is-sena 2024 b'Eur44,306 minn fuq. Ir-rapport finanzjarju ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lil kulħadd tal-kollaborazzjoni pożittiva għaliex b'riżultat ta' dan, il-Kunsill jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

## 12.5 Għad-Dell tal-Akwadott 2025

Is-Sindku tkellem dwar din l-attivita' u qal li tajjeb kieku din tieħu postha fil-kalendarju kulturali u saħaq li x-xewqa tiegħu hija illi l-għaqdiet tar-raħal jagħmlu l-ħila tagħhom biex igawdu huma wkoll minn din l-attivita'. Din se ssir nhar is-16 ta' Awwissu 2025 u ser inkunu qed naħdmu fuq il-programm.

## 12.6 Miżura 3 – Attractions and Innovative Events for all Seasons

Dwar it-tinda li waslet bħala parti minn dan il-proġett, is-Sindku qal li ndunajna illi din kienet second hand. Is-Sindku, il-Kunsillier Horace Vella u s-SE marru jaraw fuq il-post u t-tinda kienet tidher tajjeb biċ-ċar illi hija użata. Dan peress li kienet maħmuġa, imsadda u bil-ktiba fuqha. Ħadna r-ritratti u tkellimna mal-kuntrattur. Dawn infurmawna li din waslet bi żball flok waħda ġdida u nfurmawna li ser iġibu t-tajba fi żmien ġimgħa. Sadanittant, il-kuntrattur ġab oħra u s-Sindku saħaq li xorta għandu d-dubji hijiex ġdida. Madanakollu, issa qabbadna l-Inginier sabiex jiġi jaraha u jagħmel ir-rapport tiegħu u sar qbil li għandna nimxu skond ir-rapport tal-Inġinier.

## 12.7 Ilmenti u Suġġerimenti

12.7.1 Il-Kunsillier Frankie Attard fakkar fuq ħitan li hemm pendenti fi Triq Klula u Triq San Niklaw. Is-Sindku spjega li bħalissa l-ħaddiema jinsabu fi Triq il-Ġifna u ma nistgħux naqilgħuhom minn posthom. Madanakollu, huwa qal li jistgħu ilestu l-biċċa fejn qed jagħmlu, ikomplu parti mill-ħitan li hemm pendenti, u jerġgħu ikomplu Triq il-Ġifna.

12.7.2 Is-Sindku semma li bħalissa għandna problema bil-ħaddiema kemm ta' barra u kemm fuq ġewwa għaliex ħafna tipprova ttihom ix-xogħol iżda jsir ħafna tgergir.

12.7.3 Il-Viċi Sindku għamlet dawn is-suġġerimenti:

1. Illi ż-żewġ bozoz li hemm f'Wied Ħmar isiru fanali minflok sabiex ikunu pariġġ l-oħrajn. Sar qbil fuq dan;
2. Illi hemm bankina mkissra fi Triq il-Karmelitani u hemm bżonn titranġa. Is-Sindku qal li jaf għal liema qed tirreferi u l-aħjar ikun li jmorru fuq il-post u jaraw;
3. Illi ssir bozza ġdida fi Triq Klula 'l ġew mill-boutique hotel. Ħadd ma sab oġġezzjoni u sar qbil illi malli jsiru l-fanali ta' Wied Ħmar, il-bozoz li jinqalgħu għandhom jieħdu posthom fi Triq Klula u Triq l-Għadira.
4. Illi jsir tour ġewwa Ta' Kerċem b'informazzjoni fuq ir-raħal. Ġie diskuss illi dan nistgħu ninkorporawh mal-attivita' Għad-Dell tal-Akwadott. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
5. Sabiex issir ħarġa għar-residenti. Kulħadd qabel li għandha ssir u ġie deċiż li ssir għall-25 ta' Marzu.

12.7.4 Il-Kunsillier Horace Vella talab biex nitfgħu ftit torba fi Triq Għajn Tuta. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

12.7.5 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca għamel dawn is-suġġerimenti:

1. Sabiex issir tabella 'Farmers Only' fi trejqa fi Triq San Niklaw. Ġie deċiż li l-ewwel għandna naraw hux privat.
2. Sabiex jitranġa ħajt fi Triq il-Mans. Il-problema hija li qed jidħlu bit-tractors u kull darba jaqa' l-ħajt. Ser nitolbu biex jitranġa.
3. Hemm bozza fi Triq l-Avukat Anton Calleja li nqalgħet waqt li kien għaddej xi xogħol u issa għandha terġa' titwaħħal. Ser nitolbu lir-Reġjun t'Għawdex sabiex terġa' teħel.

12.7.6 Is-SE infurmat lill-Kunsill illi wara li sar is-survey ta' Triq Xuxa u Pjazza Salvatore Busuttil sabiex issir iz-zebra crossing, il-Perit infurmana illi din ma tistax issir fil-post fejn qed jissuġġerixxi l-Kunsill peress li hemm garaxx. Sabiex issir irid jew jitneħħew numru ta' parking bays jew inkella ssir aktar 'l isfel lejn Triq Xuxa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, ma jista' jsir xejn.

## 12.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 12.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-2.45pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Marzu 2025, fin-12.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |